**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 21 t' April, 2021**

**Talba Nru: 278/2020PM1**

**L-Ghajn Construction Co. Ltd. (C6360)**
**Raymond Farrugia (778460(M))**
**Marlene Mizzi (26660(M))**
**Franca Grima (27951(G))**
**Charles Falzon (883847(M))**
**Stephen Muscat (434348(M))**
**Walter Hohhmann (13378(A))**
**Adriano Forabischi (23930(A))**
**Tancred Mizzi (557153(M))**
**Trevor Thomas (Passaport Nru. 099161186)**

**Vs**

**Joseph Scicluna (K.I. 284661(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Novembru, 2020 permezz ta' liema l-atturi talbu li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-konvenut jigi dikjarat debitur tal-assocjazzjoni attrici fl-ammont ta' tlett elef, sitt mija tlieta u sebghin euro (€3,673) u li t-Tribunal jillikwida u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi dik is-

somma hekk likwidata bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 31 t' Awwissu, 2020 kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni

Ra l-ittra legali li kopja tagha giet annessa mal-avviz u mmarkata Dok. 'A'.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tal-atturi minn fejn irrizulta li l-atturi huma sidien ta' proprjetajiet u in assocjazzjoni bejniethom jiggestixxu blokka ta' appartamenti li fiha l-konvenut ghandu wkoll il-proprjeta` tieghu. Hija ikkonfermat l-ammont mitlub bhala dovut mill-konvenut u rapprezentanti, in linea mal-kontenut tal-istess avviz, kontribuzzjonijiet annwali ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-blokka li fiha ghandu l-proprjeta` tieghu il-konvenut inkluz ukoll tfaddil relattiv ghall-istallazzjoni ta' lift fl-istess blokka u dana relattivi ghas-snin 2018, 2019 u 2020 u li ghalihom il-konvenut baqa' ma kkontribwiex minkejja li gie debitament interpellat jaghmel dan.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-19 t' April, 2020 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tad-19 t'April, 2020 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat tramite x-xhieda tal-istess rapprezentanti tal-atturi. L-imghax relattiv huwa dovut mid-data illi fiha l-intimat gie notifikat bl-atti odjerni u cioe mit-22 ta'Marzu, 2021 flimkien mal-ispejjez gudizzjarji. Dwar spejjez legali baqghet ma tressqitx prova sodisfacenti u kwindi m'hemmx ammont li jista' jigi likwidat f'tali rigward kontra l-istess konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess atturi is-somma mitluba ta' tlett elef, sitt mija u tlieta u sebghin euro (€3,673) bl-imghax mit-22 ta' Marzu, 2021 u bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**